MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2005

Talba Numru. 306/2004

**John Debattista**

**Vs**

**Valerie Kind**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li bih l-attur talab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' elf erba' mija u hamsa u tmenin lira Maltin (Lm1,485) rapprezentanti danni subiti mill-attur f'kollizjoni li sehhet fl-1 t'Ottubru, 2003 f'Birkirkara meta hija kienet qieghda ssuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni IBB 779 u habtet mal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni HAC 768 proprjeta' ta' l-attur.
Ra r-Risposta tal-konvenuta li biha wiegbet illi m'hijiex responsabbli ghall-kollizjoni in kwistjoni.

Sema' x-xhieda ta' John Debattista, Joe Tabone, Peter Cutajar u Manolita Debattista.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Ra li l-konvenuta naqset milli tipproduci l-ebda xhieda minkejja li kien hemm differimenti fit-3 ta' Mejju, 2005 u fis-6 ta' Lulju, 2005 ghall-provi taghha.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi Manolita Debattista kienet qieghda ssuq il-vettura ta' missierha bin-numru ta' registrazzjoni HAC 768 izda dakinhar kellha *number plate* zbaljat cjoe' DAN 937. Hija kienet qieghda ssuq tul Triq l-Imdina, sejra mid-direzzjoni tar-Rabat lejn il-Hamrun. Jirrizulta wkoll illi l-vettura misjuqa mill-konvenuta kienet gejja mid-direzzjoni opposta u ghar-raguni nspjegabbli hija qabdet u qasmet il-karreggjata ghal quddiem il-vettura misjuqa minn Debattista bl-intenzjoni li tidhol go *side road* li taghti ghal Birkirkara.

Jirrizulta wkoll illi z-zewg karozzi habtu frontalment u dan ifisser illi fil-mument ta' l-impatt il-vettura misjuqa mill-konvenuta kienet kompletament *wrong side*. Jirrizulta illi t-triq li kienet qieghda ssuq fiha Debattista hija *dual carriage way* u kienet ghaddejja bi speed normali ghall-affari taghha.
Jirrizulta illi l-konvenuta kienet gejja mill-karreggjata mid-direzzjoni opposta u minflok ma waqfet *on the crown of the road* u cediet lit-traffiku u qasmet ghas-*side road* meta kienet certa li tista' taghmel hekk liberament, hija qatghet ghad-dritt u habtet frontalment mal-vettura misjuqa minn Debattista. Kien dan l-agir tal-konvenuta li qasmet it-triq b'mod totalment inkonsult li ta lok ghall-kollizjoni u b'rizultat t'hekk huwa evidenti li l-konvenuta hija unikament responsabbli ghall-kollizjoni.

Ghar-rigward tad-danni jirrizulta illi l-vettura ta' l-attur kienet *beyond economical repair*. Jirrizulta li huwa kien xtraha versu l-prezz ta' elf u erba' mitt lira Maltin

(Lm1,400) u inoltre nefaq ghoxrin lira Maltin (Lm20) biex jittowjaha. M'hemmx provi li juru x'tirrapprezenta d-differenza ta' hamsa u sittin lira Maltin (Lm65) bejn l-ammont fuq imsemmi u l-ammont mitlub fl-Avviz u ghalhekk din id-differenza ma tistax tigi milqugha u ghalhekk it-talba se tintlaqa' biss ghas-somma ta' elf erba' mija u ghoxrin lira Maltin (Lm1,420).

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jiddikjara lill-konvenuta unikament responsabbli ghall-kollizjoni u konsegwentement jilqa' t-talba ta' l-attur kif ridotta u jikkundanna lill-istess konvenuta sabiex thallas lill-attur is-somma ta' elf erba' mija u ghoxrin lira Maltin (Lm1,420) bl-interessi u bl-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------